MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 2876/1996/1

**Guillaumier Industries Limited.**

**vs.**

**Calibre Industries Limited u SMW Cortis Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 3 ta' Ottubru 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta Calibre Industries Limited hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u tlieta u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm151,833.87) import ta' kambjala accettata mis-socjeta` konvenuta u li skadiet fil-31 ta' Lulju 1996, liema kambjala tinsab hawn annessa DOK "A";

Illi interpellata sabiex thallas is-socjeta` konvenuta Calibre Industries Limited baqghet inadempjenti;

Illi kif jigi ppruvat il-kambjala msemmija giet iffirmata sabiex tiddetermina ammont dovut mis-socjeta` konvenuta Calibre Industries Limited u jsir ftehim dwar terminu ta’ hlas a favur is-socjeta’ attrici, wara li gie konkluz ftehim bejn il-kontendenti fil-11 ta’ Ottubru 1996 hawn anness DOK “A”;

Illi s-socjeta` konvenuta SMW Cortis Limited accettat li tiggarantixxi l-pagamenti u l-obbligi kollha dovuti mis-socjeta` konventuta Calibre Industries Limited, liema garanzija giet accettata mis-socjeta` attrici;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u tlieta u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm151,833.87) kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti mehmuza a fol 4 sa fol 8 tal-process.

Rat il-kambjala datata 3 ta’ Gunju 1996 ghall-ammont ta’ Lm151,833.87 li kienet tiskadi fil-31 ta’ Lulju 1996 iffirmata mis-socjeta’ Calibre Industries Limited a favur is-socjeta’ Guillaumier Industries Limited kollox a fol. 4A tal-process u dan bhala Dok. “A”.

Rat il-ftehim redatt in iskritt bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta datat 11 ta’ Ottubru 2005 esebit bhala Dok. “B” minn fol. 5 sa fol. 8 tal-process.

Rat id-digriet tat-29 ta’ Mejju 1997 tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Carmelo Farrugia Sacco fejn appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-4 ta’ Lulju 1997.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta datata 13 ta’ Gunju 1997 a fol 13 u 14 tal-process fejn gie eccepit:-

Illi l-ammont reklamat flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza jinsab pjenament sodisfatt u ghalhekk il-kawza ghandha tigi ceduta;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ kovenuta a fol. 13 tal-process fejn l-istess socjeta’ konvenuta esponiet li:-

(1) Il-kawza proposta mis-socjeta’ attrici saret inutilment *stante* li din kellha ga’ garanzija li l-ammont kien ser jithallas u dan tramite l-Bank ta’ fiducja tas-socjeta’ esponenti.

(2) F’kull kaz l-ammont reklamat flimkien mal-ispejjez gew sodisfatti u ghalhekk il-kawza ghandha tigi ceduta.

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tal-4 ta’ Lulju 1997 a fol 15 tal-process fejn deher biss Dr Anthony P. Farrugia. Il-kawza giet differita quddiem il-Qorti hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghat-13 ta’ Frar 1998.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Anthony P. Farrugia tat-13 ta’ Frar 1998 fejn talab lill-Qorti joghgobha tiddiferexxi s-seduta tal-kawza ghal data ohra.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-13 ta' Frar 1998; tat-29 ta' Mejju 1998 fejn dehru Mario Gatt in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u Dr Anthony P. Farrugia, u Dr Philip Sciberras ghas-socjeta` konvenuta SMW Cortis Limited. Gie ndikat li s-socjeta` konvenuta Calibre Industries Limited hija kontumaci u li ghalhekk issejhet tliet darbiet hadd ma deher biex jipprezentaha. Dr. Anthony P. Farrugia pprezenta nota ta' riduzzjoni. Dr. Philp Sciberras, *in vista* ta' din in-nota, talab differiment biex ikun jista' jirregola ruhu u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Novembru 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat li in vista ta' dan kollu s-socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited minkejja li giet notifikata fil-11 ta' Gunju 1997, baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjoni u ghalhekk baqghet kontumaci, u dan anke peress li dak iz-zmien Dr. Philip Sciberras fil-verbali fuq indikati ddikjara li kien qed jidher ghas-socjeta' konvenuta S.W. Cortis, u fil-fatt kien l-istess difensur legali li ffirma n-nota ta' eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta datata 13 ta' Gunju 1997, u deher biex jahlef id-dikjarazzjoni guramentata ma' l-istess eccezzjonijiet Joseph Cortis (Karta ta' l-Identita' Numru 712056 (M) – fol. 14).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1998 a fol. 21 tal-process fejn biha rriduciet t-talba taghha ghall-hlas ta' mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u tlieta u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm151,833.87) u l-imghax relattiv sa l-effettiv pagament, b'mija u tnejn u hamsin elf tliet mija u tlieta u erbghin lira u hmistasx-il centezmu (Lm152,343.15) *stante* pagament fil-mori tal-kawza u cioe` fis-26 ta' Novembru 1996.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-13 ta' Novembru 1998 fejn Dr. Philip Sciberras baghat jitlob differiment ghaliex kien indispost; tal-15 ta' Marzu 1999 fejn Dr. Philip Sciberras baghat jitlob differiment ghaliex kien indispost; tat-3 ta' Novembru 1999 fejn Dr. Philip Sciberras baghat jitlob

differiment ghaliex kien indispost; tat-13 ta’ Marzu 2000 fejn deher Dr. Anthony P. Farrugia ghas-socjeta’ attrici u Joseph Cortis in rapprezentanza tas-socjetajiet konvenuti. Dr. Philip Sciberras imsejjah diversi drabi baqgha ma deherx. Inghata digriet fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank Camilleri ordnat lid-difensuri tal-partijiet biex sa l-ewwel differiment huma jipprezentaw prospett li bih jindikaw dak li ghadu dovut lis-socjeta’ attrici. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ April 2000 ghal dan l-iskop.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 15 ta’ Marzu 2000 (fol 27) li biha pprezentat prospett immarkat ‘GIL’ a fol 28, li jindika fil-parti denominata “final balance”, l-ammont dovut mis-socjetajiet konvenuti sat-13 ta’ Marzu 2000. Dan wara li sar kalkolu, kif iddikjarat fil-prospett imsemmi, tal-imghax dovut fuq is-somma kapitali ta’ mija u wiehed u hamsin elf tmien mija u tlieta u tletin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm151,833.87), sad-data ta’ l-uniku pagament effettwat fis-26 ta’ Novembru 1996, imbaghad minn dik id-data tal-gurnata tat-13 ta’ Marzu 2000. B’rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri sa l-effettiv pagament ta’ l-ammont shih.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li giet ipprezentata fil-20 ta’ Marzu 2000 (fol 29) u permezz taghha esebiet rendikont dettaljat (fol 30) tal-hlasijiet kollha effettwati minnha lis-socjeta` attrici.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-5 ta’ April 2000 fejn deher biss Dr Philip Sciberras ghas-socjeta` konvenuta u ddikjara li xtaq jaghmel il-prova tal-pagament bi smiegh ta’ xhud *viva voce.* Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Mejju 2000 biex dakinhar il-Qorti tiffissa b’appuntament is-smiegh tal-provi tal-konvenuti.

Rat l-ordni tal-Qorti tas-26 ta’ Mejju 2000 kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Ottubru 2000 sabiex tinstema’ mill-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-17 ta’ Ottubru 2000 fejn deher biss id-difensur tas-socjeta’ attrici u l-konvenuti msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti dwar il-hlas ta’ l-istess kambjala ghall-1 ta’ Frar 2001; tal-1 ta’ Frar 2001 fejn deher Dr Philip Sciberras ghas-socjeta’ konvenuta u Dr. Anthony P. Farrugia u s-socjeta’ attrici msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed **Joseph Cortis** (fol 36 sa 52) rapprezentant tas-socjeta` Calibre Industries Ltd. Dr. Philip Sciberras rriserva li fi zmien 15-il gurnata minn dak in-nhar jipprezenta kopja legali tas-sekwestru pprezentat mis-socjeta’ attrici prezentat kontestwalment mac-citazzjoni u ddikjara li hlief ghall-istess ma kellux provi aktar u talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Is-socjeta` attrici u d-difensuri taghha regghu ssejhu anke’ f’dak l-istadju, izda baqghu ma dehrux u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ April 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Guillaumier Industries Ltd datat 20 ta’ Marzu 2001 a fol. 53b tal-process fejn esponiet illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha nteress li jsir kontro-ezami lil Joseph Cortis u ghaldaqstant umilment talbet lil din il-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u takkordalha l-fakolta` li fis-seduta tat-3 ta’ April 2001 teffettwa l-kontro-ezami ta’ Joseph Cortis u dan wara li taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat il-verbal tat-3 ta’ April 2001 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta’ attrici u Dr. Philip Sciberras imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza giet differita ghan-notifika ta’ l-istess rikors (tal-20 ta’ Marzu 2001) ghas-16 ta’ Mejju 2001. Aktar tard deher Dr. Philip Sciberras li nforma lill-Qorti li ma jopponix ghat-talbiet fir-rikors.

Rat id-digriet tal-10 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u halliet il-kawza ghall-provi kollha li fadal ghas-16 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta’ Mejju 2001 fejn Dr. Ludvic Caruana talab differiment ghaliex Dr. Ronald Aquilina kien ma jiflahx; tal-5 ta’ Lulju 2001 fejn il-kawza kellha tigi differita ghaliex il-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti; tas-27 ta’ Novembru 2001 fejn deher Dr. Ronald Aquilina u Anthony Guillaumier ghas-socjeta` attrici u Joseph Cortis ghas-socjeta’ konvenuta u fejn il-Qorti giet infurmata li Dr. Philip Sciberras kien ma jiflahx. Dr. Ronald Aquilina talab li jressaq ix-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavit. Inghata digriet affidavit lill-konvenuti sabiex fi zmien erbghin (40) gurnata millum jipprezentaw l-affidavits taghhom bid-dokumenti taghhom relattivi bin-notifika lill-kontro-parti b’rizerva ta’ kontro-ezami u fin-nuqqas li jigu pprezentati tali affidavits il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni, inkluz jekk ikun il-kaz anke li l-kawza tibqa` differita ghas-sentenza fuq il-provi li jkun hemm dak inhar fl-atti processwali. Ix-xhud Joseph Cortis obbliga ruhu li jidher ghas-seduta li jmiss biex isirlu l-kontro-ezami u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-5 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota ta’ Guillaumier Industries Ltd datata 21 ta’ Frar 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavits u dokumenti ta’ **Anthony E. Guillaumier** (fol 66 sa 73) u ta’ **Mario Gatt** (fol 74 sa 77).

Rat in-nota tas-Socjeta` konvenuta datata 4 ta’ Marzu 2002 a fol 78 tal-process li permezz taghha rriservat d-dritt li tikkontroezamina lix-xhud Anthony E. Guillaumier u Mario Gatt dwar l-affidavits taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2002 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta’ attrici u Anthony Guillaumier ghall-istess. Is-socjeta’ konvenuta u d-difensur taghha ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Ix-xhud Joseph Cortis ghalkemm kien obbliga ruhu li jidher u ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx u l-Qorti ghalhekk sabitu hati ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u mmultatu jhallas multa ta’ Lm50 u li jinhareg kontra tieghu Mandat ta’ Skorta ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghas-17 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef David Scicluna tas-17 ta' Mejju 2002 fejn dehru Dr Philip Sciberras u Dr Ronald Aquilina, dehru ukoll il-partijiet. Xehed **Joseph Cortis** in kontro-ezami (fol 87 sa fol 98). Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Ottubru 2002 ghall-provi.

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Ottubru 2002, mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorabbli Mhallef Noel Cuschieri fejn deher Paul Lia li assuma l-patrocinju tas-socjetjiet konvenuti u l-kawza giet differita ghas-26 ta' Frar 2003 ghall-provi kollha tas-socjeta' attrici; tas-26 ta' Frar 2003 fejn dehru Dr Ludvic Caruana ghas-socjeta' attrici u Dr Paul Lia ghas-socjeta` konvenuta. Kompla jixhed u pprezenta d-dokumenti **Joseph Cortis** in kontro-ezami (fol 101 sa 103). Il-kawza giet differita ghall-11 ta' April 2003 ghall-provi ta' l-attur.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-11 ta' April 2003; tas-6 ta' Gunju 2003 u tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Joseph Cortis** prodott in kontro-ezami mis-socjeta` attrici (fol 126 sa 137); tal-5 ta' Dicembru 2003; tal-21 ta' Jannar 2004 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici u prezenta dokument b'nota lill-kontro-parti. Il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici tipproduci bhala xhud rapprezentant ta' HSBC *in vista* ta' dak li xehed Joseph Cortis rigward ir-raguni ghad-dewmien tal-hlas. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-9 ta' Marzu 2004: tas-27 ta' April 2004 u tal-1 ta' Gunju 2004 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici. Xehdet **Audrey Chigo** prodotta mill-attrici (fol 150) u l-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghat-23 ta' Ottubru 2004; tat-23 ta' Gunju 2004 fejn id-difensuri tal-partijiet gibdu l-attenzjoni tal-Qorti li l-kawza ma kinetx fuq il-lista u qablu li tinstema' f'data ohra; tal-20 ta' Ottubru 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Philip Leone Ganado**

(HSBC) prodott mill-attrici (fol 156 sa 159) u l-kawza giet differita ghall-24 ta' Novembru 2004 ghall-konkluzjoni tal-provi attrici; tal-24 ta' Novembru 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Philip Leone Ganado** riprodott bhala xhud (fol 164 sa 176). L-attur iddikjara li ghalaq il-provi u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Frar 2005 ghall-provi tas-socjeta` konvenuta; tat-8 ta' Frar 2005; tat-8 ta' Marzu 2005; tas-6 ta' Mejju 2005 fejn dehru Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici u rapprezentant ta' l-istess socjeta` u Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuti. Xehed **Anthony Guillaumier** in kontro-ezami (fol 180 sa 188). Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Mejju 2005 sabiex is-socjeta` konvenuta tiddikjara jekk fadlilhiex provi aktar; tat-18 ta' Mejju 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Lia ddikjara li ghalaq il-provi tal-konvenuti. Il-partijiet inghataw il-fakolta` ghan-nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici tipprezenta n-nota sa l-ahhar ta' Lulju 2005 u bil-visto tal-kontro-parti li ghandu sa l-ahhar ta' Settembru 2005 ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Ottubru 2005 ghas-sentenza.
Rat ir-rikors ta' Guillaumier Industries Limited datat 23 ta' Awissu 2005 (fol190) fejn l-esponent talab lill-Qorti testendilu t-terminu ghall-prezentata ta' l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet sal-ghoxrin ta' Settembru elfejn u hamsa, dejjem salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi, inkluz l-estensjoni tat-terminu tal-kontro-parti ghall-prezentata tan-nota responsiva.

Rat id-digriet tad-29 ta' Awissu 2005 ghar-rikors precedenti fejn il-qorti laqghet it-talba fit-terminu taghha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-28 ta' Ottubru 2005 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici u talab aktar zmien ghan-nota ta' l-osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Dicembru 2005 ghal dan l-iskop; tad-9 ta' Dicembru 2005 fejn deher Dr Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici u pprezenta n-nota attrici bil-visto tal-kontro-parti. il-kawza giet differita ghall-1 ta' Frar 2006 ghan-nota tas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tas-9 ta’ Dicembru 2005 a fol 194 sa 201 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-1 ta’ Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Dr. Aquilina ghas-socjeta` attrici u Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuti ssejhu diversi drabi izda baqghu ma dehrux. Il-Qorti tat l-ahhar opportunita` lill-konvenuti biex jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet taghhom fi zmien tletin (30) jum millum. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Marzu 2006 ghall-finali trattazzjoni. Aktar tard deher Dr Pawlu Lia li ha konjizzjoni tal-verbal tallum u nforma lill-Qorti li illum stess prezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu fil-Registru.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti pprezentata fl-1 ta’ Frar 2006 a fol 203 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta’ Marzu 2006 fejn deher Dr. Ronald Aquilina ghas-socjeta` attrici u Dr. Pawlu Lia ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Dr Aquilina nforma lill-Qorti li hu gie notifikat bin-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjetajiet` konvenuti. Is-socjetajiet konvenuti u d-difensuri taghhom regghu ssejhu diversi darabi u baqghu ma dehrux. Dr. Aquilina enfasizza li s-*sorte* huwa ta’ Lm3,926.88 bl-imghax mis-26 ta’ Novembru 1996 sa l-effetiv pagament, dan jinsab indikat a fol 201 tal-process. Dr. Aquilina tratta il-kaz. Dr. Lia ssejjah diversi drabi ohra u baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ April 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm151,833.87 li skadiet fil-31 ta' Lulju 1996 rappresentanti import ta' kambjala datata 3 ta' Gunju 1996 u l-imghax fuq l-istess; Illi jirrizulta li sar pagament mis-socjeta' konvenuta fis-25 ta' Novembru 1996 fl-ammont ta' Lm152,343 u ghalhekk fil-mori tal-kawza ghaliex din il-kawza infethet fit-3 ta' Ottubru 1996.

Illi s-socjeta' attrici qed tikkontendi li fuq l-istess ammont ta' Lm151,833.87 ghaddew interessi ta' 8% b'effett mill-31 ta' Lulju 1996 sal-pagament ta' l-ammont imsemmi ta' Lm152,343, u b'hekk l-ammont dovut sa' dak inhar tal-pagament kien ta' Lm151,833.87 flimkien mas-somma ta' Lm3,926.88,1 rappresentanti imghax ta' 8% ghall-118 gurnata, b'dan li ghalhekk dan ihalli bilanc ta' Lm3,417, u dan barra mghax ulterjuri ta' 8% minn dik id-data sal-effettiv pagament, li sat-13 ta' Marzu 2000 kien ilahhaq ghall-Lm4,318.72 kollox kif indikat bin-nota attrici datata 15 ta' Marzu 2000 a fo. 27 u 28 tal-process.

Illi l-unika eccezzjoni li saret mis-socjeta' S.W. Cortis Limited kienet li l-istess ammont jinsab imhallas u l-istess eccezzjoni saret fit-13 ta' Gunju 1997; fil-fatt l-istess eccezzjoni tghid li *"l-ammont reklamat flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza jinsab pjenament sodisfatt u ghalhekk il-kawza ghandha tigi ceduta".* Fid-dikjarazzjoni inghad li:- *"(1) Il-kawza proposta mis-socjeta' attrici saret inutilment stante li din kellha ga' garanzija li l-ammont kien ser jithallas u dan tramite l-Bank ta' fiducja tas-socjeta' esponenti; (2) F'kull kaz l-ammont reklamat flimkien mal-ispejjez gew sodisfatti u ghalhekk il-kawza ghandha tigi ceduta".*

Illi b'nota tas-socjeta' konvenuta datata 20 ta' Marzu 2000 a fol. 30 tal-process jinghad li mill-ammont tal-kambjala ta' Lm151,833.87, is-socjeta' Calibre Industries Limited naqset l-ammont ta' Lm1,034.85 li hija qed tghid li kienu dovuti lis-socjeta' konvenuta l-ohra, u dan halla bilanc ta' Lm150,799.02, u maghhom qed jghid li thallsu bhala spejjez legali pretizi mis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,544.13, u ghalhekk sar il-hlas ta' Lm152,343.15.

Illi Joseph Cortis fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2001 sostna li huwa rappresentant tas-socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited u li s-socjeta' S.W. Cortis Limited kienet xtrat ishma tas-socjeta' Calibre Industries Limited. Din kienet xtrat l-operazzjoni tas-socjeta' attrici u huwa kien iffirma ghal din l-ahhar socjeta' l-kuntratt esebit mac-citazzjoni attrici, tali kuntratt datat 11 ta' Ottubru 1995. Saret ukoll kambjala abbazi ta' ftehim verbali bejn l-istess xhud u s-Sur Guillaumier ghas-socjeta' attrici ; jghid li huwa kien lest li jhallas 7½% rata ta' interessi fuq il-kambjala, mentri s-socjeta' attrici insistiet ghall-8%; ix-xhud jghid li l-flus damu ma' hargu mill-bank u thallsu lis-socjeta' attrici ghalkemm qbil fuq l-interessi ma kienx hemm ghaliex is-socjeta' attrici baqghet tinsisti fuq l-ammont ta' 8% imghax; ix-xhud jispejga li l-ammont li thallas kien jikkonsisti wkoll f'dak li sejjah bhala valur ta' xoghol li l-istess socjeta' konvenuta tghid li ghamlet meta hadet hija l-operazzjoni tas-socjeta' attrici u wkoll sostna li hallas l-ispejjez ta' Lm1,544 tas-socjeta' attrici meta hija fethet il-kawza, u dan ghaliex l-istess socjeta' attrici daqshekk talbet. Il-pagament ta' l-ammont ta' Lm152,343.15 sehh fil-25 ta' Novembru 1996.

Illi min-naha tas-socjeta' attrici din spejgat li kien sar ftehim bejn is-socjetajiet indikati fl-iskrittura annessa mac-citazzjoni attrici datat 11 ta' Ottubru 1995, u fis-26 ta' Ottubru 1995 gie indikat u maqbul l-ammont dovut ta' Lm160,000 kif jidher minn dokument "AG 1" a fol. 68 tal-process. Dwar dan hemm qbil mill-istess Joseph Cortis fil-kontro-ezami tieghu tas-17 ta' Mejju 2002 kif jidher a fol. 88 tal-process. Hemm qbil ukoll u ammissjoni mill-istess xhud li l-istess kambjala ma' thallsietx meta kienet dovuta.

Illi Anthony Guillaimier ghas-socjeta' attrici jghid li wara l-bilanc finali gie stabbilit ghall-ammont ta' Lm151,833, izda l-ammont baqa' ma' thallax fit-terminu indikat, b'dan li l-partijiet qabblu li kellu jiddekorri imghax ta' 7.5% fuq l-ammont dovut fuq l-iskrittura u din giet mizjuda bil-miktub fuq l-istess skrittura u ovvjament wara d-data ta' l-istess; peress li l-pagament baqa' ma sehhx saret kambjala ghall-istess ammont ta' Lm151,833 dan fit-3 ta' Gunju 1996, li kellha tiskadi fil-31 ta' Lulju 1996, izda dan il-hlas

baqa' ma sarx u ghalhekk wara diversi korrispondenza kif jidher ukoll minn Dok. "AG 2" sa Dok. "AG 6" tal-process, sar mandat ta' sekwestru u din il-kawza, u sar biss hlas fil-mori ta' Lm152,343 fil-25 ta' Novembru 1996, kif jidher konfermat mix-xhieda wkoll ta' Mario Gatt moghtija wkoll fl-affidavit tieghu a fol. 74 tal-process.

Illi ma hemm l-ebda dubju li dan l-ammont indikat huwa dovut abbazi ta' kambjala li saret favur is-socjeta' attrici u dovuta u accettata mis-socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited u ghalhekk bhala tali japplikaw ghall-istess il-principji ndikati fil-kawza fl-ismijiet **"Ronald Micallef vs Subway (Malta) Limited"** datata 5 ta' Ottubru 2000 minn din il-Qorti kif presjeduta.

Illi fil-fatt l-**artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13)** jghid illi:

*"(1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja".*

*"2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u, sa dan it-tant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-qorti, m'ghandhiex tkun imdewma".*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm-il darba imfisser minn dawn il-Qrati.

Illi din il-Qorti kif prseduta fil-kawza l-ismijiet **"Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et"** deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:

*"Illi a bazi ta' dan l-artikolu gie deciz li "**l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita possibbli … … …**". Il-kambjala hija proprio strument kummercjali nventat biex proprio jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn tirrispetta u*

*kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali ikunu animati mill-istess esigenzi".*

*"Biex tassigura din ic-celerita, il-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardawx il-kanonizzazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) "***John Portelli noe vs Joseph Sullivan***".

Illi dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza "**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**" (K. (J.D.C.) 15 ta' Novembru 1993):-

"*appena kambjala tigi ammessa, tigi kreata obbligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammessibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti*".

Illi l-istess insenjament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom "**John Mary Sammut vs Michael Cassar**" (App K. 14.10.1991) u "**George Zahra vs Alfred Borg**" (K. JSP 28.4.1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza kostanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f' xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989).

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe"** deciza fit-22 ta' Novembru, 1937, ikkonkludiet:-

"*Infatti l-artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u "di pronta soluzione". Jekk imbaghad huma*

*ta' indagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti*."

Illi minn dan kollu jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li dak li ghandu jigi trattat f'din il-kawza huwa biss il-kwistjoni ta' l-azzjoni kambjarja u dan anke u wkoll fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet maghmula mis-socjeta' konvenuta li pprezentat l-eccezzjonijiet, liema eccezzjoni hija fis-sens biss li tali kambjala thallset; fil-fatt ma hemm l-ebda dubju u huwa pacifku din il-kawza li l-import ta' l-istess kambjala thallas fil-mori tal-kawza ghaliex il-pagament li sar sehh biss fil-25 ta' Novembru 1996 fl-ammont ta' Lm152,343.15.

Illi izda issa l-kwistjonijiet bejn il-partijiet huma tnejn u dan peress li jidher li s-socjeta' konvenuta naqset mill-ammont dovut skond il-kambjala l-ammont ta' Lm1,034.85 li s-socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited tramite ir-rappresentant taghha Joseph Cortis tghid li kienu dovuti lilha mis-socjeta' attrici; fuq dan l-aspett din il-Qorti thoss li la darba hawn qed nitkellmu dwar kambjala, din kellha tigi esegwieta biss permezz tal-hlas ta' l-istess u dan anke minhabba n-natura awtonoma li tikkaratterizza n-nozzjoni stess ta' kambjala, u l-indipendenza taghha minn kull relazzjoni originali; b'hekk l-istess socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited, ma kellha ebda dritt li tnaqqas xi ammonti indikati fl-istess kambjala, u b'hekk tali tnaqqis ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed accettabbli fil-kuntest tal-hlas ta' kambjala.

Illi mhux hekk biss, u dejjem bla pregudizzju ghal dak fuq indikat, jinghad li t-tpacija abbazi ta' l-**artikoli 1196 u 1197** ghandha u tista' ssehh biss meta meta z-zewgt ammonti huma certi, likwidi u dovuti u hawn issir riferenza ghas-sentenza **"Felix Mifsud vs Joseph Camilleri Fava *nomine*"** (P.A. (RCP) 31 ta'Jannar 2001) fejn inghad li r-regoli ta' tpacija jiddisponu li din ssehh *ipso iure* skond l-**artikolu 1196 tal-Kap 16** meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, u b'hekk issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri*

*jekk ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom somma ta' flus …li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

Illi fis-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (AJM) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha innifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (AM 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371).

Illi fis-sentenza **"Onor. Carm Lino Sipteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 – LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza* ***"G. Schembri vs G. Chircop"*** *ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidita` ta' zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza **"Paul Abela *nomine* vs Paul Laferla *nomine*"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi fl-ahhrnett ssir riferenza ghas-sentenzi **"McPherson Meditteranean Limited vs J. Lautier Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002), **"Iceberg Refrigiration Services Limited vs Albert Debono nomine"** (A.I.C. (PS) 12 ta' Jannar 2005); **"Eucharistico Gauci vs**

**Jesmond Borg et"** (A.I.C. (PS) 14 ta' Lulju 2004); **"Keith Said nomine vs Joseph u John ahwa Falzon nomine"** (A.C. (VDG) – 10 ta' Ottubru 2003); **"C. Fino & Sons Limited vs Polidano Bros. Limited"** (P.A. (TM) 14 ta' Ottubru 2004) u **"Felix Mifsud nomine vs Joseph Camilleri Fava nomine"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002) u applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-ammont imnaqqas qatt ma jista' jigi kkunsidrat bhala cert, likwidu u dovut, u dan ghaliex ma hemm l-ebda dubju li l-istess ammont huwa kontestat mis-socjeta' attrici u dan dejjem gie kkontestat, u dan dejjem qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li l-kambjala kienet biss tinkorpora obbligazzjoni tal-pagament kollu indikat fl-istess; dan apparti wkoll li l-eccezzjoni moghtija mill-istess socjeta' konvenuta hija fis-sens biss ta' pagament ta' l-ammont indikat fl-istess kambjala u ma hemm lanqas ebda eccezzjoni ta' tpacija, li harget biss waqt il-prezentata ta' dokumenti mis-socjeta' konvenuta, u mhux specifikata liema wahda minnhom, permezz tan-nota taghha datata 20 ta' Marzu 2000. Jidher ukoll li s-socjeta' Calibre Industries Limited fil-fatt bhala tali ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u hija ndikata bhala kontumaci, b'verbal datat 29 ta' Mejju 1993 (fol. 19) fejn Dr. Philip Sciberras qed jigi ndikat bhala li deher ghas-socjeta' konvenuta SMW Cortis Limited.

Illi l-kontestazzjoni l-ohra hija li s-socjeta' attrici tghid u tallega li l-istess somma ta' Lm151,833.87 import ta' l-imsemmija kambjala kellu jiddekorri fuqha imghax ta' 8% allura l-posizzjoni hija kif indikata minnhom fin-nota taghhom a fol. 27 u 28 tal-process, b'dan li l-pagament tas-socjeta' debitrici kien jinkorpora l-kapital ta' Lm151,833.87 u l-interessi dovuti mid-data ta' l-iskadenza ta' l-istess kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament li b'kollox kien jammonta ghall-interessi ta' Lm3,926.88,1 ghall 118 gurnata, u allura ghall-ammont totali ta' Lm155,760.75, li meta tnaqqas minnhom l-ammont ta' Lm152,343.75, ihalli bilanc ta' Lm3,417.60 minbarra imghax ulterjuri ta' 8% sal-effettiv pagament.

Illi in verita' l-unika eccezzjoni li saret mis-socjeta' konvenuta u dan anke jekk wiehed jiehu in

konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni taghha dwar l-istess ma hemm indikat li thallas ebda imghax mis-socjeta' konvenuta jew mis-socjetajiet konvenuti izda jinghad biss li thallas *"l-ammont riklamat flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza".* Dan huwa certament fatali ghat-tezi tas-socjeta' konvenuta.

Illi mhux biss, izda mill-ispjegazzjoni tas-socjeta' konvenuta Calibre Industries Limited a fol. 30 tal-process ma hemm l-ebda interessi nkluzi fil-pagament indikat ta' Lm152,343.15 u ssir riferenza ghall-istess. Dan certament johloq inkonsistenza fil-versjoni tas-socjeta' konvenuta eccipjenti, u dan anke jekk imqabbla ma' dak li jinghad fin-nota ta' eccezzjonijiet u wkoll ma' dak li gie ritenut fil-kawza, u dan inkluz fin-nota ta' osservazzjonijiet li issa saret *"tas-socjetajiet konvenuti"* tali nota datata l-1 ta' Frar 2006.

Illi din il-Qorti thoss li ladarba *si tratta* ta' obbligazzjoni naxxenti minn kambjala u certament obbligazjoni ta' natura kummercjali ezistenti bejn socjetajiet kummmercjali l-imghax li ghandu jiddekorri huwa dak kemm skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 1139** u anke abbazi ta' l-**artikolu 1141 (1) tal-Kap 16** u f'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza ta' l-Onorabbli ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Gatt MBE vs Francis Vella"** ( A.K. XXXII.i.505 – 28 ta' Frar 1994) fejn inghad illi:-

*"l-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta' natura kummercjali…".*

Illi dwar obbligazjonijiet ta' natura kummercjali ssir riferenza wkoll ghall-kawzi **"Mario Mallia et nomine vs Francis Bezzina Wettinger"** (A.C. (VDG) – 10 ta' Ottubru 2003); **"Hector Barbara proprio et nomine vs Perit Joseph Barbara'** (A.C. (JSP) 19 ta' Novembru 2001); **"Vincent Brincat nomine vs Anna Caruana nomine"** (A.I.C. (P.S.) 23 ta' Gunju 2004); **"Adrian Vella nomine vs Blue Med Travel Services Limited"** (A.I.C. (P.S.) 20 ta' Ottubru 2004); **"Joseph Muscat et vs Maggur Louis Radmilli et"** (P.A. (JRM) 3 ta' Ottubru 2002) u ohrajn.

Illi ma hemm ebda dubju li f'dan il-kuntest l-imghax applikabbli huwa dak ghall-kambjala u ghall-obbligazzjoni kummercjali u la darba l-azzjoni kambjarja hija l-unika azzjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti ma hemm l-ebda konkluzjoni ohra plawsibbli, u dan peress li kull ftehim relattat ma' xi skrittura ma jifformax il-mertu ta' din il-kawza u fil-fatt lanqas eccezzjonijiet f'dan is-sens ma hemm; inkwantu jikkoncerna dak indikat u pretiz biss min-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti dan jidher li huwa ibbazat fuq l-iskrittura privata datata 11 ta' Ottubru 1995, li lanqas biss hija l-mertu tac-citazzjoni attrici peress li l-ammont dovut huwa naxxenti minn kambjala, u kif inghad lanqas hemm accenn ghaliha fin-nota ta' eccezzjonijiet unika pprezentata minn dik li ssejhet bhala socjeta' konvenuta; certament li kull ftehim li setgha sar fir-rigward ta' l-iskrittura privata ma giex estiz ghall-kambjala, li ghandha ezistenza indipendenti u awtonoma mill-istess u ghalhekk f'dan il-kuntest, is-sottomissjonijiet tas-socjetajiet konvenuti ma jistghux jigu accettati u qed jigu rigettati. Mhux hekk biss izda ghall-grazzja ta' l-argument din il-Qorti tinnota li minkejja li l-istess socjetajiet konvenuti jghidu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li l-imghax dovut huwa ta' 7.5% fil-mija, minn imkien ma jirrizulta li dan thallas jew b'xi mod sar tentattiv biex jithallas. Jidher li fil-fatt u fuq kollox is-socjetajiet konvenuti injoraw fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li l-unika kawza pendenti hija dik ta' azzjoni ghall- hlas ta' import ta' kambjala u l-imghax fuqha dovut. Jinghad biss li ma hemm ebda kontestazzjoni ghall-premessi fic-citazzjoni attrici inkluz ghar-raba' premessa fic-citazzjoni attrici, u l-unika eccezzjoni hija dik ta' hlas ta' l-ammont mitlub import ta' kambjala.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta datata 13 ta' Gunju 1997 u dan in kwantu l-istess hija inkompatibbli ma' dak deciz u dan anke peress

li jirrizulta li l-istess ammont mitlub fic-citazzjoni attrici u import ta' kambjala thallas biss fil-mori tal-kawza, u fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta l-ohra, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi fil-waqt li tiddikjara li *in vista* tan-nota attrici datata 29 ta' Mejju 1998 jirrizulta li l-ammont ta' mija u wiehed u hamsin elf, tmien mija u tlieta u tletin liri maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm151, 833.87), import ta' kambjala datata 3 ta' Gunju 1996 u li skadiet fil-31 ta' Lulju 1996, thallas b'pagament ta' mija u tnejn u hamsin elf, tliet mija u tlieta u erbghin liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm152,343.15), u dan fil-mori tal-kawza permezz ta' hlas li sehh fil-26 ta' Novembru 1996, u ghalhekk tiddikjara li ghadu dovut l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u sbatax-il Lira Maltija u sittin centezmu (Lm3,417.60), rappresentanti bilanc minn imghax ta' tmienja fil-mija (8%) dovut mill-31 ta' Lulju 1996 sad-data tal-pagament ta' l-istess kambjala fil-mori tal-kawza fis-26 ta' Novembru 1996, u ghalhekk:-

(1) Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici l-istess ammont ta' tlett elef, erba' mija u sbatax-il Lira Maltija u sittin centezmu (Lm3,417.60) bilanc minn somma akbar rappresentanti imghax ta' tmienja fil-mija (8%) dovut mill-31 ta' Lulju 1996 sad-data tal-pagament ta' l-import ta' l-istess kambjala fl-ammont ta' mija u wiehed u hamsin elf, tmien mija u tlieta u tletin liri maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm151,833.87) fil-mori tal-kawza fis-26 ta' Novembru 1996, u dan *stante* l-hlas ta' l-istess kambjala fil-mori tal-kawza fid-data indikata.

Bl-imghax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-26 ta' Novembru 1996 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-istess socjetajiet konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------